



0135/2016

12.12.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC)

Alessandra Mussolini (PPE), Caterina Chinnici (S&D), Anna Maria Corazza Bildt (PPE), Jean Lambert (Verts/ALE), Roberta Metsola (PPE), Nicola Caputo (S&D), Nathalie Griesbeck (ALDE), Mairead McGuinness (PPE), Fabio Massimo Castaldo (EFDD), Teresa Jiménez-Becerril Barrio (PPE), Barbara Spinelli (GUE/NGL), József Nagy (PPE), Enrico Gasbarra (S&D), Constance Le Grip (PPE), Doru-Claudian Frunzuliță (S&D)

Data ta' skadenza: 12.3.2017

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC)¹

1. Il-fenomeni tal-minorenni mhux akkumpanjati, iż-żieda fl-isfruttament tal-minuri min-netwerks tal-kuntrabandu u tat-traffikar, u l-esponiment tat-tfal għal materjal perikoluż online huma biss uħud mill-kwistjonijiet li jqajmu dubji dwar l-effikaċja tal-UE fl-għoti ta' appoġġ li jistħoq qilhom it-tfal.
2. L-UE mhux Stat li huwa parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), minkejja r-referenzi tal-UE għall-Konvenzjoni fl-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' politika tagħha.
3. L-adeżjoni tal-UE għall-UNCRC tiżgura li r-rispett għad-drittijiet tat-tfal nbidel minn għan tat-Trattat f'obbligu ġuridiku, biex b'hekk jintbagħat sinjal politiku b'saħħtu ta' valur kbir. Din il-mossa ssaħħaħ aktar il-kredibilità tal-UE bħala promotur tad-drittijiet tat-tfal fi ħdan il-fruntieri tagħha kif ukoll lil hinn minnhom.
4. Il-Kunsill u l-Kummissjoni huma għalhekk mistednin biex jgħatu impetu ġdid għall-valutazzjoni li qed issir dwar il-kundizzjonijiet għall-adeżjoni mal-UE tal-UNCRC, sabiex jissaħħaħ il-qafas legali għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, din għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.